REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/938

tal-10 ta' Mejju 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 rigward il-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u mniżżel fil-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.

(3) Il-lista tal-Unjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinkludi l-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid awtorizzat.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/760 ([3]) awtorizza l-introduzzjoni fis-suq tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), minbarra fis-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.

(5) Fis-27 ta' Lulju 2020, il-kumpanija Skotan S.A. ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex biex issir bidla fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*. L-applikant talab li l-użu tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* jiġi estiż għas-sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż maħsubin għall-popolazzjoni adulta. L-applikant talab ukoll li jinbidel it-tikkettar tad-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid.

(6) Fil-21 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtorità") u talbitha tagħti opinjoni xjentifika dwar il-bidla tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*.

(7) Fl-1 ta' Lulju 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of an extension of use of *Yarrowia lipolytica* yeast biomass as a novel food pursuant to Regulation (EU) 2015/2283" ([5]) f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) Fl-opinjoni xjentifika tagħha l-Awtorità kkonkludiet li l-bidla proposta hija sikura fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti, u, għaldaqstant jixraq li l-kundizzjonijiet tal-użu tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* jiġu emendati.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/760 tat-13 ta' Mejju 2019 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 13).

([4]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

([5]) EFSA Journal 2022;20(7):7450.

(9) F'konformità mal-kundizzjonijiet tal-użu tas-sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż li fihom il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* kif ġew proposti mill-applikant u vvalutati mill-Awtorità, jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati permezz ta' tikketta xierqa, li jenħtieġ li s-sostituti ta' ikliet għall-kontroll tal-piż li jkun fihom il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* jkunu kkunsmati biss minn persuni li jkollhom iżjed minn 18-il sena, u li ma għandhomx jintużaw fl-istess jum li jittieħdu supplimenti tal-ikel li fihom tkun inżiedet il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*.

(10) L-informazzjoni li ngħatat fl-applikazzjoni u fl-opinjoni tal-Awtorità jagħtu biżżejjed raġuni biex jiġi stabbilit li l-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-użu u fit-tikkettar tad-denominazzjoni (it-tneħħija tat-terminu "maqtula bis-sħana") tal-ikel il-ġdid huma konformi mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, u jenħtieġ li jiġu approvati.

(11) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għall-"bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*" hija sostitwita b'dan li ġej:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar speċifiku	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-*data*
"Bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*	*Kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi*	1. Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li fihom minnu għandha tkun 'bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*'		
	Supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar	6 g/jum għat-tfal minn 10 snin 'il fuq, għall-adolexxenti u għall-popolazzjoni adulta ġenerali 3 g/jum għat-tfal ta' età bejn it-3 snin u d-9 snin	2. It-tikketti tas-sostituti tal-ikliet għall-kontroll tal-piż li fihom il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica* għandu jkollhom dikjarazzjoni li dawn għandhom jintużaw biss minn persuni li għandhom aktar minn 18-il sena u ma għandhomx jintużaw fl-istess jum li jiġu kkunsmati supplimenti tal-ikel li fihom il-bijomassa tal-ħmira tal-*Yarrowia lipolytica*."		
	Sostituti tal-ikliet għall-kontroll tal-piż għall-popolazzjoni adulta	3 g kull ikla (massimu ta' 2 ikliet/sa massimu ta' 6 g kuljum)			